



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2018
COM(2018) 900 final

**It-tieni ABBOZZ tal-Baġit Ġenerali
tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2019**

INTRODUZZJONI ĠENERALI

DOKUMENTI

**It-tieni ABBOZZ tal-Baġit Ġenerali
tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2019**

INTRODUZZJONI ĠENERALI

ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI 2019

DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKOND IT-TAQSIMA

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 13 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹ (ir-“Regolament MFF”), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
- tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²,
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea³,
- ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2013, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁴,
- l-abbozz tal-baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 imressaq mill-Kummissjoni fil-21 ta' Ġunju 2018⁵,
- il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 adottat mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2018⁶,
- L-ittra ta' Emenda 1/2019 għall-abbozz oriġinali tal-baġit ġenerali 2019, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2018⁷,
- l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali oriġinali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 2018⁸,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta l-introduzzjoni ġenerali għat-tieni abbozz ta' baġit ġenerali għall-2019 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Flimkien ma' din l-introduzzjoni ġenerali, id-dettalji sħaħ skont it-taqsimha tat-tieni abbozz tal-baġit għall-2019 huma disponibbli fil-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-en.htm>) fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

¹ ĠU L 347, 20.12.2013:

² ĠU C 373, 20.12.2013.

³ ĠU L 160, 7.6.2014:

⁴ ĠU L 193, 30.7.2018:

⁵ COM(2018) 600.

⁶ 11737-C8-0410/2018.

⁷ COM(2018) 709.

⁸ P8_TA(2018)404

WERREJ

1. INTRODUZZJONI	4
2. IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI U T-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT TAL-2019.....	5
2.1. LIMITI MASSIMI TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI GĦALL-BAĠIT TAL-2019	5
2.2. ҒARSA ĠENERALI LEJN IT-TIENI ABBOZZ TA' BAĠIT 2019	5
3. ELEMENTI EWLENIN TAT-TIENI PROPOSTA ABBOZZ TAL-BAĠIT	7
3.1. KWISTJONIJIET ORIZZONTALI.....	7
3.1.1. <i>Aġenziji deċentralizzati.....</i>	7
3.1.2. <i>Aġenziji eżekuttivi.....</i>	8
3.1.3. <i>Proġetti pilota u Azzjonijiet Preparatorji.....</i>	8
3.2. APPROĊĠ ĠENERALI GĦALL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN.....	9
3.2.1. <i>Intestatura 1a — Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi.....</i>	9
3.2.2. <i>Intestatura 1b — Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali</i>	11
3.2.3. <i>Intestatura 2 — Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali</i>	11
3.2.4. <i>Intestatura 3 — Sigurtà u Ċittadinanza.....</i>	12
3.2.5. <i>Intestatura 4 — Ewropa Globali.....</i>	12
3.2.6. <i>Intestatura 5 — Amministrazzjoni.....</i>	14
3.2.7. <i>Strumenti speċjali: FEG, Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza u FSUE</i>	15
3.3. APPROĊĠ ĠENERALI GĦALL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT.....	15
3.4. RIŻERVI	17
3.5. BIDLIET FIN-NOMENKLATURA U RIMARKI DWAR IL-BAĠIT.....	17
3.5.1. <i>Rimarki tal-baġit.....</i>	17
3.5.2. <i>Nomenklatura</i>	18
4. RIMARKI TAL-GĦELUQ.....	18
5. IT-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT TAL-2019 SKONT L-INTESTATURI TAL-QAFAS FINANZJARJU U L-PROGRAMMI EWLENIN	19

1. INTRODUZZJONI

Fil-21 ta' Ġunju 2018 il-Kummissjoni wasslet l-Abbozz tal-Baġit għall-2013 fil-lingwi uffiċjali kollha⁹. Fl-4 ta' Settembru 2018 il-Kunsill temm il-qari tiegħu tal-Abbozz tal-Baġit, u fil-25 ta' Ottubru 2018 il-Parlament Ewropew ivvota l-qari tiegħu. Fis-16 ta' Ottubru, il-Kummissjoni baġtet l-ittra ta' emenda 1/2019 flimkien ma' stimi aġġornati għas-sena 2019. Peress li l-Parlament Ewropew adotta emendi għall-abbozz tal-baġit, li ma setgħux jiġu aċċettati mill-Kunsill, tlaqqa' Kumitat ta' Konċiljazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 314 §4(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ħadem għal perjodu ta' 21 jum, bejn it-30 ta' Ottubru u d-19 ta' Novembru 2018. Għalkemm sar progress sinifikanti matul id-diskussjonijiet, ma kienx possibbli li jiġu rrikonċiljati l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f' dan il-perjodu, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15.3 il-ġdid tar-Regolament Finanzjarju dwar l-appropriazzjonijiet li jikkorrispondu mad-diżimpenji disponibbli għal darb'oħra għal proġetti ta' riċerka. Madankollu, l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2018¹⁰ kien maqbul kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kunsill¹¹.

Billi fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma ntlaħaqx ftehim, issa l-Kummissjoni tressaq it-tieni abbozz tal-baġit 2019, skont l-Artikolu 314 §8 tat-TFUE. B'din il-proposta, il-Kummissjoni qed tftitex li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, mingħajr rikors għal perjodu ulterjuri ta' konċiljazzjoni minħabba restrizzjonijiet ta' ħin. Jekk ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar il-baġit qabel tmiem l-2018, ir-reġim tal-parti minn tmax provviżorju jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2019. Din hija proċedura stipulata fl-Artikolu 315 § 1 tat-TFUE, li tista' tikkawża dewmien fl-implimentazzjoni ta' politiki u programmi ewlenin, b'mod partikolari fil-qasam tal-agrikoltura, u tipprevjeni l-bidu ta' kwalunkwe attività ġdida.

Bl-imperattiv li tintlaħaq l-adozzjoni f'waqtha tal-baġit tal-2019, il-proposta tal-Kummissjoni għat-tieni abbozz ta' baġit għall-2019 tibni fuq il-progress li sar fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li fil-biċċa l-kbira reġa' ġab għal li kien l-abbozz oriġinali tal-baġit tal-Kummissjoni, kif emendat permezz tal-ittra emendatorja Nru 1/2019¹², b'xi żidiet sinifikanti f'appropriazzjonijiet ta' impenn għal programmi ewlenin li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-impjiegi (bħal Erasmus + u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ) u b'xi tnaqqis u riallokazzjonijiet speċjalment fl-intestatura 4 wara l-qari tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew tal-abbozz tal-baġit oriġinali. Qed tiġi proposta żieda mmirata ta' Orizzont 2020 permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju. Il-livell ġenerali tal-pagamenti wara l-bidliet fl-impenji u wkoll l-ibbilanċjar mill-ġdid ta' xi forniment minn qabel fl-2018 huwa aktar baxx meta mqabbel mal-ittra emendatorja 1/2019.

⁹ COM(2018) 600.

¹⁰ COM(2018) 704, 12.10.2018.

¹¹ L-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2018 kien ukoll parti mill-pakkett diskuss fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, madankollu l-adozzjoni tiegħu kienet ipplanata għal Novembru, sabiex ikun jista' jqijs l-aġġustamenti meħtieġa tar-riżorsi proprji, b'mod partikolari l-bilanċi tal-VAT u l-ING li jaffettwaw l-ammonti li għandhom isiru disponibbli fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru 2018.

¹² COM(2018) 709, 16.10.2018.

2. IL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI U T-TIENI ABBOZZ TAL-BAĠIT TAL-2019

2.1. Limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-baġit tal-2019

Il-limiti massimi għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)¹³ għall-istabbiliment tal-abbozz tal-baġit 2019 huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt:

Intestatura	Limiti massimi tal-QFP 2019 f' miljuni ta' EUR, bil-prezzijiet attwali
Approprjazzjonijiet ta' impenn	
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	79 924,0
1a Il-kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	23 082,0
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	56 842,0
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	60 344,0
li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) - Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	43 881,0
3. Sigurtà u ċittadinanza	2 801,0
4. Ewropa Globali	10 268,0
5. Amministrazzjoni	10 786,0
li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	8 700,0
6. Kumpensi	0,0
IMPENJI TOTALI	164 123,0
PAGAMENTI TOTALI	166 709,0

Fil-QFM, il-limitu massimu globali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn hu ffissat għal EUR 164 123 miljun, li jirrappreżenta 1,00 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE. Il-limitu għall-appropriazzjonijiet ta' pagament huwa EUR 166 709 miljun, jew 1,01 % tal-GNI.

2.2. Ħarsa ġenerali lejn it-tieni abbozz ta' baġit 2019

(Approprjazzjonijiet ta' impenn (AI) u ta' pagament (AP) f' miljuni ta' EUR, ċifri mqarrba fi prezzijiet kurrenti)

Intestatura	Baġit 2018 ⁽¹⁾		It-tieni Abbozz ta' Baġit 2019		Differenza 2019 – 2018		Differenza 2019 – 2018	
	(1)		(2)		(2 – 1)		(2 / 1)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	77 531,8	66 622,6	80 337,4	67 556,9	2 805,7	934,4	3,6%	1,4%
<i>Li minnhom, taħt il-Marġni Globali għall-Impenji</i>	<i>1 111,8</i>		<i>413,4</i>					
<i>Limitu massimu</i>	<i>76 420,0</i>		<i>79 924,0</i>					
<i>Marġni</i>								
1a Il-kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	21 999,6	20 095,3	23 145,4	20 521,5	1 145,9	426,3	5,2%	2,1%
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità</i>								
<i>Li minnhom, taħt il-Marġni Globali għall-Impenji</i>	<i>760,6</i>		<i>63,4</i>					
<i>Limitu massimu</i>	<i>21 239,0</i>		<i>23 082,0</i>					
<i>Marġni</i>								
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	55 532,2	46 527,3	57 192,0	47 035,4	1 659,8	508,1	3,0%	1,1%
<i>Li minnhom, taħt il-Marġni Globali għall-Impenji</i>	<i>351,2</i>		<i>350,0</i>					
<i>Limitu massimu</i>	<i>55 181,0</i>		<i>56 842,0</i>					
<i>Marġni</i>								
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	59 238,6	56 041,0	59 642,1	57 399,9	403,5	1 358,9	0,7%	2,4%
<i>Limitu massimu</i>	<i>60 267,0</i>		<i>60 344,0</i>					
<i>Marġni</i>	<i>1 028,4</i>		<i>701,9</i>					

¹³ Iċ-ċifri huma bbażati fuq l-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2019 f'konformità mal-movimenti tal-ING, li ġie adottat mill-Kummissjoni fit-23.5.2018, (COM(2018) 282).

(Approprijazzjonijiet ta' impenn (AI) u ta' pagament (AP) f'miljuni ta' EUR, ċifri mqarrba fi prezzijiet kurrenti)

Intestatura	Baġit 2018 ⁽¹⁾		It-tieni Abbozz ta' Baġit 2019		Differenza 2019 – 2018		Differenza 2019 – 2018	
	(1)		(2)		(2 – 1)		(2 / 1)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP	AI	AP
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) - Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	43 233,1	43 187,3	43 191,9	43 116,4	- 41,2	- 70,9	-0,1%	-0,2%
<i>Sottolimitu</i>	44 163,0		43 881,0					
3. Sigurtà u ċittadinanza	3 493,2	2 980,7	3 786,6	3 527,4	293,4	546,7	8,4%	18,3%
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	837,2		985,6					
<i>Limitu massimu</i>	2 656,0		2 801,0					
<i>Marġni</i>								
4. Ewropa Globali	10 068,8	8 906,1	11 319,3	9 358,3	1 250,4	452,2	12,4%	5,1%
<i>Li minnhom, taħt il-Marġni Globali għall-Impenji</i>	243,8		1 051,3					
<i>Limitu massimu</i>	9 825,0		10 268,0					
<i>Marġni</i>								
5. Amministrazzjoni	9 665,5	9 666,3	9 943,0	9 944,9	277,5	278,6	2,9%	2,9%
<i>Limitu massimu</i>	10 346,0		10 786,0					
<i>Li minnhom għat-tpaċċja kontra l-Marġni ta' Kontinġenza</i>	- 318,0		- 253,9					
<i>Marġni</i>	362,5		589,1					
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 579,9	7 580,7	7 747,3	7 749,2	167,4	168,5	2,2%	2,2%
<i>Sottolimitu</i>	8 360,0		8 700,0					
<i>Li minnhom għat-tpaċċja kontra l-Marġni ta' Kontinġenza</i>	- 318,0		- 253,9					
<i>SottoMarġni</i>	462,1		698,8					
Approprijazzjonijiet għall-intestaturi minn 1 sa 6	159 998,0	144 216,7	165 028,4	147 787,4	5 030,4	3 570,8	3,1%	2,5%
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	837,2	678,3	985,6	909,8				
<i>Li minnhom, taħt il-Marġni Globali għall-Impenji</i>	1 355,6		1 464,7					
<i>Li minnu skont il-Marġni ta' Kontinġenza</i>								
<i>Limitu massimu</i>	159 514,0	154 565,0	164 123,0	166 709,0				
<i>Li minnhom għat-tpaċċja kontra l-Marġni ta' Kontinġenza</i>	- 318,0		- 253,9					
<i>Marġni</i>	1 390,9	11 026,7	1 291,1	19 831,4				
Approprijazzjonijiet bħala % tal-ING ⁽²⁾	1,02%	0,92%	1,00%	0,90%				
Strumenti speċjali oħra ⁽³⁾	698,5	551,2	577,2	411,5	- 121,3	- 139,7	-17,4%	-25,3%
TOTAL tal-approprijazzjonijiet	160 696,5	144 767,9	165 605,6	148 198,9	4 909,2	3 431,0	3,1%	2,4%
Approprijazzjonijiet bħala % tal-ING ⁽²⁾	1,02%	0,92%	1,00%	0,90%				

(1) Il-Baġit 2018 jinkludi l-baġits emendatorji 1 sa 5 u l-abbozz tal-baġit emendatorju 6.

(2) It-tieni abbozz tal-baġit tal-2019 huwa bbażat fuq il-previżjoni tal-ING kif inkluż fl-aġġustament tekniku tal-QFP adottat fit-23 ta' Mejju 2018 (COM(2018) 282).

(3) "Strumenti Oħra Speċjali" jinkludu r-"Riżerva ta' Ghajjnuna f'Emerġenza (EAR)", il-"Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)", u l-"Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)".

F'termini ta' **approprijazzjonijiet ta' impenn** (inklużi strumenti speċjali), in-nefqa totali proposta fit-tieni abbozz tal-baġit (AB) 2019 hija ta' **EUR 165 605,6 miljun**, li tikkorrispondi għal **1.00 % tal-ING**, jiġi f'EUR 4 909,2 miljun aktar mill-2018 (+ 3.1 %), meta tinkludi l-baġits emendatorji minn 1 sa 5/2018 u l-abbozz ta' baġit emendatorju 6/2018. B'mod ġenerali, dan iħalli marġni kkombinat ta' EUR 1 291,1 miljun taħt id-diversi limiti massimi tal-QFP b'kunsiderazzjoni tal-użu tal-marġni globali għall-impenji (EUR 1 464,7 miljun), il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà (EUR 985,6 miljun) u l-kumpens għall-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza għal nefqa relatata mal-migrazzjoni mmobilizzat fl-2017 (EUR 253,9 miljun).

Għall-**approprijazzjonijiet ta' pagament** (inklużi strumenti speċjali), in-nefqa totali mitluba hija ta' **EUR 148 198,9 miljun**, li tikkorrispondi għal **0.90 % tal-ING**. Din hija żieda ta' EUR 3 431,0 miljun meta mqabbla mal-2018 (+ 2.4 %) meta jiġu inklużi l-baġits emendatorji minn 1 sa 5/2018 u l-abbozz ta' baġit emendatorju 6/2018. Dan iħalli marġni ta' EUR 19 831,4 miljun taħt il-limitu massimu tal-QFP, filwaqt li jitqies l-impatt fuq

L-approprijazzjonijiet ta' pagament tal-2019 tal-mobilizzazzjonijiet tal-Istrument ta' Flessibilità fl-2016, l-2017, l-2018 u l-2019 (EUR 909,8 miljun).

L-approprijazzjonijiet ta' impenn għall-**Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi (intestatura 1a)** huma stabbiliti fil-livell ta' EUR 23 145,4 miljun. Din hija żieda ta' 5.2 % meta mqabbla mal-2018, li prinċipalment tirrigwarda l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), Orizzont 2020, Erasmus u l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP), li ma tħalli l-ebda marġni taħt din l-intestatura u li teħtieġ l-użu tal-marġni globali għall-impjenji (EUR 63,4 miljun). L-approprijazzjonijiet ta' pagament żdiedu bi 2,1 %, għal EUR 20 521,5 miljun.

L-approprijazzjonijiet ta' impenn għall-**Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali (intestatura 1b)** jiżdiedu b' 3,0 % għal EUR 57 192,0 miljun, li ma jħallu l-ebda marġni taħt din l-intestatura wara l-użu tal-Marġni Globali għall-Impjenji biex jiffinanzja l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (EUR 350,0 miljun). L-approprijazzjonijiet ta' pagament żdiedu bi 1,1 %, għal EUR 47 035,4 miljun.

Qed jiġu proposti approprijazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 59 642,1 miljun għat-**Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali (intestatura 2)**. Dan il-livell ta' nefqa jirrappreżenta żieda ta' 0,7 % meta mqabbel mal-2018, li jħalli marġni sinifikanti ta' EUR 701,9 miljun taħt il-limitu. L-approprijazzjonijiet ta' pagament jammontaw għal EUR 57 399,9 miljun, b'żieda ta' 2,4 % meta mqabbla mal-2018. L-integrazzjoni tal-aħħar aġġornament dwar id-dħul assenjat, il-finanzjament għan-nefqa marbuta mas-suq u għall-għajnuniet diretti huwa ta' EUR 43 191,9 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn, u ta' EUR 43 116,4 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament.

Is-sigurtà u ċ-Ċittadinanza (intestatura 3) tara żieda ta' 8.4 % fl-approprijazzjonijiet ta' impenn għal EUR 3 786,6 miljun, li ma jħallu l-ebda marġni taħt din l-intestatura wara l-mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità (EUR 985,6 miljun). L-approprijazzjonijiet ta' pagament żdiedu bi 18,3 %, għal EUR 3 527,4 miljun.

L-Ewropa Globali (Intestatura 4) tara żieda fl-approprijazzjonijiet ta' impenn ta' 12,4 % għal EUR 11 319,3 miljun (inkluż l-impatt tal-estensjoni tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija), li ma tħalli l-ebda Marġni taħt din l-intestatura u teħtieġ l-użu tal-Marġni globali għall-impjenji (EUR 1 051,3 miljun). L-approprijazzjonijiet ta' pagament żdiedu b'5,1 %, għal EUR 9 358,3 miljun.

Approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-**Amministrazzjoni (intestatura 5)** għall-istituzzjonijiet kollha flimkien inklużi l-pensjonijiet u l-iskejjel Ewropej jiżdiedu b' 2,9 % kemm għall-impjenji (EUR 9 943,0 miljun) kif ukoll għall-pagamenti (EUR 9 944,9 miljun). Il-marġni mhux allokat li jirriżulta huwa ta' EUR 589,1 miljun wara li jitnaqqas l-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza għan-nefqa relatata mal-migrazzjoni mmobilizzata fl-2017 (EUR 253,9 miljun).

3. ELEMENTI EWLENIN TAT-TIENI PROPOSTA ABBOZZ TAL-BAĠIT

B'mod ġenerali, it-tieni abbozz tal-baġit jibni fuq il-progress li sar matul il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Id-dettalji tal-emendi proposti għall-abbozz oriġinali tal-baġit, kif modifikat bl-ittra Emendatorja 1/2019, huma deskritti fil-qosor hawn taħt.

3.1. Kwistjonijiet orizzontali

3.1.1. Aġenziji deċentralizzati

Għall-aġenziji deċentralizzati, il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprijazzjonijiet ta' impenn u f'approprijazzjonijiet ta' pagament) u l-għadd ta' pożizzjonijiet huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz ta' baġit oriġinali kif emendat bl-ittra Emendatorja 1/2019, bl-emendi li ġejjin:

- Taħt intestatura 1a:
 - L-Aġenzija Ewropea GNSS (GSA, l-Artikolu 02 05 11 tal-baġit) li għaliha huwa propost li jiġu allokat 5 karigi addizzjonali u l-livell ta' approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa propost li jiżdied b'EUR 357 500.

- L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (European Labour Authority, ELA) (l-Artikolu 04 03 15 tal-baġit) li għaliha huwa propost li jitnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 8 947 000.
 - L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infurmazzjoni (ENISA, l-Artikolu 09 02 03 tal-baġit) li għaliha huwa propost li jitnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 400 000.
 - Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC, l-Artikolu 09 02 04 tal-baġit) li għalih qed jiġi propost li jiġu allokati 2 karigi addizzjonali u li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa propost li jiżdied b'EUR 143 000.
 - L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, l-Artikolu 12 02 04 tal-baġit) li għaliha qed jiġi propost li l-pjan ta' stabbiliment jitnaqqas b'2 karigi.
 - L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA, Artikolu 12 02 05 tal-baġit) li għaliha huwa propost li l-pjan ta' stabbiliment jitnaqqas b'4 karigi u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa propost li jitnaqqas b'EUR 1 100 000.
 - L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, l-Artikolu 12 02 06 tal-baġit) li għaliha huwa propost li l-pjan ta' stabbiliment jitnaqqas b'23 kariga u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa propost li jitnaqqas b'EUR 11 000 000.
- Taħt l-Intestatura 3:
 - L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL, Artikolu 18 02 04 tal-baġit) li għaliha huwa propost li jiġu allokati 10 karigi addizzjonali u li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa propost li jiżdied b'EUR 8 357 500.
 - L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, s-sigurtà u l-ġustizzja (eu-LISA, l-Artikolu 18 02 07 tal-baġit) li għaliha huwa propost li l-livell tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiżdied b'EUR 4 000 000.
 - L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO, l-Artikolu 18 03 02 tal-baġit) li għalih l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-abbozz oriġinali tal-baġit. Il-Kummissjoni Ewropea se tirveddi r-rekwiżiti ta' finanzjament tal-EASO għas-sena finanzjarja 2019, ladarba tiġi adottata l-proposta leġiżlattiva tat-12 ta' Settembru 2018 biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-appoġġ operazzjonali tal-Aġenzija. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tippromovi proposti baġitarji korrispondenti.
 - Il-Korp Ewropew għat-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Ġudizzjarja (EUROJUST, l-Artikolu 33 03 04 tal-baġit) li għalih huwa propost li jiġu allokati 5 karigi addizzjonali u l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa propost li jiżdied b'EUR 357 500.

3.1.2. Aġenziji eżekuttivi

Għall-aġenziji eżekuttivi, huwa propost li l-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u l-għadd ta' karigi jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat mill-Ittra emendatorja 1/2019.

3.1.3. Proġetti pilota u Azzjonijiet Preparatorji

It-tieni abbozz ta' baġit jinkludi 75 proġett pilota u azzjonijiet preparatorji għal ammont totali ta' EUR 114,9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, li jirrifletti l-qari tal-Parlament Ewropew tal-abbozz oriġinali tal-baġit.

3.2. Approċċ ġenerali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn

3.2.1. Intestatura 1a — Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi

Għall-intestatura 1a, l-approprjazzjonijiet ta' impenn huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2019, bl-emendi inklużi fit-tabella ta' hawn taħt:

F'EUR

Linja baġitarja/Programm	Isem	Tisħiħ fl-approprjazzjonijiet ta' impenn		
		AB 2019 (inkl. IE 1)	It-Tieni Abbozz tal- Baġit tal-2019	Differenza
1.1.12	Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)			-3 500 000
32 05 01 02	Il-kostruzzjoni, it-tħaddim u l-isfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E)	354 658 200	351 158 200	-3 500 000
1.1.13	Il-Programm Ewropew tal-Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus)			-17 500 000
02 06 01	It-twertiq ta' servizzi operazzjonali li jiddependu fuq osservazzjonijiet mill-isparzu u data in situ (Copernicus)	189 755 000	188 255 000	-1 500 000
02 06 02	Il-bini ta' kapaċità awtonoma tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-Unjoni (Copernicus)	686 315 000	670 315 000	-16 000 000
1.1.4	Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME)			5 000 000
02 02 01	Promozzjoni tal-intraprenditorija u titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni	128 039 000	130 039 000	2 000 000
02 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn	221 430 000	224 430 000	3 000 000
1.1.5	Edukazzjoni, Taħriġ u Sport (Erasmus+)			200 000 000
15 02 01 01	Il-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni u t-taħriġ u r-rilevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol	2 217 836 200	2 411 836 200	194 000 000
15 02 01 02	Il-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew taż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika Ewropea	169 070 000	175 070 000	6 000 000
1.1.6	L-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)			6 300 000
04 01 04 02	Nefqa ta' sostenn għall-programm Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali	2 950 000	3 400 000	450 000
04 03 02 01	Progress — Sostenn tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol	77 373 225	78 873 225	1 500 000
04 03 02 02	EURES — Promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika volontarja tal-ħaddiema u t-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' impjieg	28 626 491	32 976 491	4 350 000
1.1.DAG	Aġenziji deċentralizzati			-20 146 500
02 05 11	L-Aġenzija tal-GNSS Ewropea	32 270 863	32 628 363	357 500
09 02 03	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni - ENISA	15 424 465	15 824 465	400 000
09 02 04	Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) — Uffiċċju	5 534 665	5 677 665	143 000
12 02 05	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	13 474 234	12 374 234	-1 100 000
12 02 06	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	38 235 160	27 235 160	-11 000 000
04 03 15	Awtorità Ewropea tax-Xogħol (European Labour Authority, ELA)	11 071 650	2 124 650	-8 947 000

Linja baġitarja/Programm	Isem	Tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn		
		AB 2019 (inkl. IE 1)	It-Tieni Abbozz tal-Baġit tal-2019	Differenza
1.1.OTH	Azzjonijiet u programmi oħra			227 000
04 03 01 03	Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti inkluż migranti minn pajjiżi terzi	7 998 950	9 285 950	1 287 000
29 02 01	Forniment ta' informazzjoni statistika ta' kwalità, l-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea u tisħiħ tas-sħubija fi ħdan is-Sistema Statistika Ewropea	73 245 000	72 185 000	-1 060 000
1.1.PPPA	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			72 258 000
1.1.SPEC	Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u l-kompetenzi speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni			-1 210 000
01 02 01	Koordinazzjoni u sorveljanza ta', u komunikazzjoni dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro	12 000 000	11 730 000	-270 000
04 03 01 06	Tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-impriżi	7 903 000	7 103 000	-800 000
04 03 01 08	Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali	16 000 000	15 000 000	-1 000 000
06 02 05	Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni	11 500 000	12 860 000	1 360 000
09 02 01	Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politka tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika	3 765 000	3 265 000	-500 000
	Total			241 428 500

B'konsegwenza ta' dan, huwa propost li l-livell ta' appropriazzjonijiet ta' impenn jiġi stabbilit għal EUR 23 145,4 miljun, mingħajr marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 1a u l-użu tal-marġni globali għall-impjenji għal ammont ta' EUR 63,4 miljun.

Minbarra d-diżimpenji li saru fl-2017 (EUR 412,8 miljun) bħala riżultat ta' nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka, u skont l-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju¹⁴ li japplika esklussivament għar-riċerka, il-Kummissjoni tipproponi li tagħmel disponibbli EUR 100 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn għat-tisħiħ tal-inizjattiva pilota dwar il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni fi ħdan l-istrument tal-SMEs¹⁵ fuq il-linja baġitarja 08 02 08:

Linja baġitarja/Programm	Isem	Appropriazzjonijiet li għandhom jergħu jsiru disponibbli
1.1.31	Orizzont 2020	100 000 000
08 02 08	Strument għall-SMEs	100 000 000
	Total	100 000 000

Il-kumment baġitarju huwa propost li jiġi aġġustat kif xieraq.

¹⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

¹⁵ F'Ġunju 2018, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tnedi inizjattiva pilota ġdida dwar l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fil-perjodu li jifdal tal-H2020. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jaqraw: "Neħtieġu ekosistema ta' innovazzjoni aktar b'saħħitha u inklużiva biex trawwem innovazzjoni rivoluzzjonarja u li toħloq is-swieq u biex tipprovdi appoġġ komprensiv lin-negozji, inklużi l-SMEs, b'potenzjal ta' tfixkil biex jidħlu b'suċċess fis-swieq globali".

3.2.2. Intestatura 1b — Koeżżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali

Għall-intestatura 1b, l-appropriazzjonijiet ta' impenn huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2019, bl-emendi inklużi fit-tabella ta' hawn taħt:

F'EUR

Linja baġitarja/Programm	Isem	Tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn		
		AB 2019 (inkl. IE 1)	It-tieni abbozz tal-baġit tal-2019	Differenza
1.2.31	Assistenza teknika			-1 744 903
04 02 63 01	Il-Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali	25 078 000	23 333 097	-1 744 903
1.2.5	L-Inizjattiva favur l-Impjieg għaż-Żgħażaġħ (allokazzjoni addizzjonali speċifika)			116 666 667
04 02 64	L-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ	233 333 333	350 000 000	116 666 667
1.2.PPPA	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			3 675 000
	Total			118 596 764

B'konsegwenza ta' dan, huwa propost li l-livell ta' appropriazzjonijiet ta' impenn jiġi stabbilit għal EUR 57 192,0 miljun, mingħajr marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 1b u l-użu tal-marġni globali għall-impjenji għal ammont ta' EUR 350,0 miljun.

3.2.3. Intestatura 2 — Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali

Għall-intestatura 2, l-appropriazzjonijiet ta' impenn huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2019, bl-emendi inklużi fit-tabella ta' hawn taħt:

F'EUR

Linja baġitarja/Programm	Isem	Tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn		
		AB 2019 (inkl. IE 1)	It-tieni abbozz tal-baġit tal-2019	Differenza
2.0.10	Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) - Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti			-237 500 000
05 02 06 99	Miżuri oħra għaż-żejt iż-żebbuġa	100 000	600 000	500 000
05 02 15 99	Miżuri oħra għall-majjal, pollam, bajd, apikultura, prodotti oħra mill-annimali	13 000 000	28 000 000	15 000 000
05 03 01 10	Skema ta' pagament bażiku (SPB)	16 464 000 000	16 211 000 000	-253 000 000
2.0.4	L-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE)			4 000 000
07 02 01	Kontribuzzjoni għall-ekonomija ekoloġika u aktar effiċjenti fir-riżorsi u għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni	148 835 000	150 335 000	1 500 000
07 02 02	Twaqqif tat-telf u r-restawr tal-biodiversità	211 620 000	213 620 000	2 000 000
07 02 03	Sostenn għal governanza ambjentali u informazzjoni aħjar fil-livelli kollha	47 500 000	48 000 000	500 000
2.0.PPPA	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			13 500 000
	Total			-220 000 000

It-tnaqqis ta' appropriazzjonijiet ta' impenn huwa attribwit bis-sħiħ għal dħul assenjat ogħla li jirriżulta mill-eċċess tal-FAEG tal-31 ta' Ottubru 2018 li se jkopri l-ħtiġijiet kollha tas-settur kif aġġornat fl-ittra emendatorja 1/2019.

B'konsegwenza ta' dan, huwa propost li l-livell ta' impenn jiġi stabbilit għal EUR 59 642,1 miljun, li jħalli marġni ta' EUR 701,9 miljun taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 2.

3.2.4. Intestatura 3 — Sigurtà u Ċittadinanza

Għall-intestatura 3, l-appropriazzjonijiet ta' impenn huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2019, bl-emendi inklużi fit-tabella ta' hawn taħt:

F'EUR

Linja baġitarja/Programm	Isem	Tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn		
		AB 2019 (inkl. IE 1)	It-tieni abbozz tal-baġit tal-2019	Differenza
3.0.11	Ewropa Kreattiva			3 000 000
09 05 01	Sottoprogramm MEDIA — Jopera fuq livell transnazzjonali u internazzjonali u jippromwovi ċ-ċirkolazzjoni u l-mobbiltà transnazzjonali	117 260 000	120 260 000	3 000 000
3.0.2	Fond għas-Sigurtà Interna.			5 000 000
18 02 01 01	Sostenn ta' ġestjoni tal-fruntieri u politika komuni tal-viżi biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu	330 317 547	335 317 547	5 000 000
3.0.8	Ikel u għalf			-8 000 000
17 04 01	Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell oġhla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni	163 500 000	155 500 000	-8 000 000
3.0.DAG	Aġenziji deċentralizzati			-42 285 000
18 02 04	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	128 789 065	137 146 565	8 357 500
18 02 07	Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ("eu-LISA")	291 350 509	295 350 509	4 000 000
18 03 02	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO)	149 032 843	94 032 843	-55 000 000
33 03 04	L-Unità għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea (Eurojust)	37 316 059	37 673 559	357 500
3.0.PPPA	Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji			15 075 000
3.0.SPEC	Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u l-kompetenzi speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni			3 000 000
09 05 05	Azzjonijiet ta' Multimedia	20 346 000	23 546 000	3 200 000
16 03 01 03	Uffiċċju tal-informazzjoni	15 800 000	15 600 000	-200 000
	Total			-24 210 000

B'konsegwenza ta' dan, huwa propost li l-livell ta' impenji jiġi stabbilit għal EUR 3 786,6 miljun, mingħajr marġni taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-intestatura 3 u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal ammont ta' EUR 985,6 miljun.

3.2.5. Intestatura 4 — Ewropa Globali

Għall-intestatura 4, l-appropriazzjonijiet ta' impenn huma proposti li jiġu stabbiliti fil-livell tal-abbozz tal-baġit oriġinali, kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2019, bl-emendi inklużi fit-tabella ta' hawn taħt:

F'EUR

Linja baġitarja/Programm	Isem	Tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn		
		AB 2019 (inkl. IE 1)	It-tieni abbozz tal-baġit tal-2019	Differenza
4.0.1	L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)			-138 700 000
05 05 04 02	It-Turkija - L-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	56 800 000	40 000 000	-16 800 000

Linja baġitarja/Programm	Isem	Tisħiħ fl-appropriazzjonijiet ta' impenn		
